

31987L0101

L 42/43

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

12.2.1987

**ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL**  
**tat-22 ta' Diċembru 1986**  
**li temenda d-Direttiva 75/439/KEE dwar ir-rimi ta' żejt użat**

(87/101/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikoli 100 u 235 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni <sup>(1)</sup>;

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(2)</sup>;

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali <sup>(3)</sup>,

Billi d-Direttiva tal-Kunsill 75/439/KEE <sup>(4)</sup> tipprovdi li l-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jiżguraw li l-ġbir u r-rimi taż-żejt użat ma joħloqx ħsara, u sabiex jiżguraw, li sakemm hu possibli, ir-rimi ta' żejt użat jsir permezz tar-riċiklaġġ (billi jerġa' jiġi użat jew permezz ta' ħruq milli jiġi distrutt);

Billi r-regenerazzjoni hija ġeneralment l-aktar mod razzjonali ta' kif tista' terġa' tuża żejt użat sabiex ma tinhelhiex l-enerġija; billi allura, għandha tingħata prijorità lill-ipproċessar taż-żejt użat billi jerġgħu jiġu ġġenerati, fil-limiti li r-ristrizzjonijiet tekniċi, ekonomiċi u organizzattivi jippermettu dan;

Billi, fl-istat preżenti tal-liġi tal-Komunità l-Istati Membri jistgħu, taħt ċerti kondizzjonijiet, jipprojbixxu l-ħruq taż-żejt użat fuq it-territorju tagħhom; billi din id-Direttiva mhix maħsuba li tbid-del dan l-istat tal-liġi;

Billi il-ħruq ta' żejt użat jiġġenera gassijiet maħruqa li jkollhom sustanzi li huma ta' ħsara għall-ambjent meta jiġu emessi 'l fuq minn ċerti konċentrazzjoni; billi allura għandhom jittieħdu miżuri li jispjegaw l-arranġamenti għall-ħruq taż-żejt użat;

Billi huwa xieraq li l-effiċjenza tal-ġbir taż-żejt użat titjieb u l-ħarsien f'dan il-qasam ikun aktar strett;

Billi, fid-dawl tal-karattru b' mod partikolari perikoluż tal-PCB/PCTs, huwa neċessarju li tissaħħaħ il-liġi tal-Komunità dwar il-ħruq jew ir-riġenerazzjoni taż-żejt użat li huma kkontaminati b'dawn is-sustanzi;

Billi l-Istati Membri għandhom ikollhom il-possibilità, waqt li jir-rispettaw il-kondizzjonijiet tat-Trattat, li jieħdu miżuri aktar stretti biex jiproteġu l-ambjent,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Id-Direttiva Nru 75/439/KEE hija hawnhekk emendata kif ġej:

1. L-Artikoli 1 sa 6 għandhom jiġu sostitwiti b' li ġej:

*“Artikolu 1*

Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva:

— ‘żejt użat’ tfisser:

kull lubrikazzjoni bbażata fuq minerali jew żjut industrijali li m'għadhomx tajbin aktar għall-użu li oriġinarjament kienu maħsuba għalih, u b' mod partikolari żjut użati u maħruqa tal-magna u żjut tal-*gearbox*, kif ukoll żjut tal-lubrikazzjoni, żjut għat-turbini u żjut tal-*hydraulic*;

— ‘rimi’ jfisser:

l-ipproċessar jew id-distruzzjoni ta' żejt użat kif ukoll il-ħżin tagħhom u *tipping* fuq jew taħt l-art;

<sup>(1)</sup> ĠU C 58, tas-6.3.1985, p. 3.

<sup>(2)</sup> ĠU C 255, tat-13.10.1986, p. 269

<sup>(3)</sup> ĠU C 330, tal-20.12.1985, p. 32.

<sup>(4)</sup> ĠU L 194, tal-25.7.1975, p. 23

— 'iproċessar' ifisser:

operazzjonijiet iddisinjati sabiex iż-żejt użat jergġhu jiġu użati, jiġifieri, li jergġhu jiġu ġġenerati u maħruqa;

— 'terġa' tiġġenera' fisser:

kull proċess li bih iż-żjut bażiċi jistgħu jiġu prodotti billi ż-żejt użat jiġu raffinati, b' mod partikolari billi jitneħħa dak li jkun qiegħed jikkontaminhom, prodotti ta' ossidazzjoni u addittivi kkontenuti f'dawn iż-żjut;

— 'ħruq' ifisser:

l-użu ta' żejt użat bħala karburanti u li s-sħana prodotta tkun rikoverata suffiċjentement;

— 'ġbir' ifisser:

l-operazzjonijiet kollha fejn żejt użat jistgħu jiġu ttrasferiti mis-sidien lill-impriżi li jarmu dawn iż-żjut.

#### Artikolu 2

Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva Nru 78/319/KEE <sup>(1)</sup>, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa sabiex jiżguraw li ż-żejt użat qegħdin jingābru u jintremew mingħajr ma ssir l-ebda ħsara li tista' tiġi evitata għall-bniedem u għall-ambjent.

#### Artikolu 3

1. Sa fejn kostrinġimenti tekniċi, ekonomiċi jew ta' organizzazzjoni jippermettu, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa sabiex jagħtu prijorità lill-iproċessar taż-żejt użat billi jergġhu jiġġenerawhom.

2. Fejn żejt użat ma jergġhux jiġu riġenerati, skond ir-restrizzjonijiet msemmija fil-paragrafu 1 aktar 'il fuq, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa sabiex jiżguraw li kull ħruq ta' żejt użat jsir taħt kondizzjonijiet ambjentali li huma aċċettabbli, skond id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, sakemm dak il-ħruq ikun teknikament, ekonomikament u organizzazzjonalment fattibbli.

3. Fejn żejt użat la jistgħu jergġhu jiġu ġġenerati u lanqas maħruqa, skond ir-restrizzjonijiet imsemmija f'paragrafi 1 u 2, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa sabiex jiżguraw id-distruzzjoni bla periklu tagħhom jew il-ħażna kkontrollata tagħhom jew it-tipping.

#### Artikolu 4

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa sabiex jiżguraw il-projbizzjoni ta':

(a) kull skarikar ta' żejt użat fl-ilma tal-wiċċ ta' ġewwa, ilma ta' l-art, ilma baħar territorjali u sistemi ta' drenaġġ;

(b) kull depożitu u/jew skarikar ta' żejt użat li jagħmel ħsara lill-ħamrija u kull skarikar li mhux ikkontrollat ta' fdalijiet mill-iproċessar ta' żejt użat;

(c) kull iproċessar ta' żejt użat li joħloq tniġġis fl-arja li jkun aktar mil-level preskritt mid-dispożizzjonijiet eżistenti.

#### Artikolu 5

1. Fejn hu neċessarju sabiex l-għanijiet ta' din id-Direttiva jintlaħqu u mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 2, l-Istati Membri għandhom imexxu informazzjoni pubblika u kampanji promozzjonali sabiex jiżguraw li żejt użat qegħdin jiġu maħżuna kif suppost u miġ-bura kemm jista' jkun.

2. Fejn l-għanijiet definiti fl-Artikoli 2, 3 u 4 ma jistgħux jintlaħqu b'mod ieħor, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa sabiex jiżguraw li waħda jew aktar impriżi jieħdu ħsieb il-ġbir u/jew ir-rimi ta' żejt użat li jiġu offruti lilhom mis-sidien, fejn huwa xieraq fil-lokalità assenjata lilhom mill-awtoritajiet kompetenti.

3. Sabiex jintlaħqu l-għanijiet definiti fl-Artikoli 2 u 4, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jallokaw iż-żejt użat għal kull tip ta' pproċessar mniżżel fl-Artikolu 3. Għal dan il-għan, jistgħu jagħmlu kontrolli xierqa.

4. Sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-miżuri meħuda skond l-Artikolu 4, kull impriża li tiġbor iż-żejt użat għandha tkun suġġetta għar-reġistrazzjoni u superviżjoni adegwata mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, li possibilmment tinkludi sistema ta' permessi.

#### Artikolu 6

1. Sabiex jiġu mħarsa l-miżuri meħuda skond l-Artikolu 4, kull impriża li tarmi żjut moħlija għandha tikseb permess. Fejn hu neċessarju, dan il-permess għandu jingħata wara eżami ta' l-istallazzjonijiet.

2. Mingħajr preġudizzju għar-reqwiżiti stabbiliti mid-dispożizzjonijiet nazzjonali u tal-Komunità b'għan ieħor apparti minn dak ta' din id-Direttiva, permess jista' jingħata lill-impriżi li jergġhu jiġġeneraw żejt użat jew li jużaw żejt użat bħala karburanti biss jekk l-awtorità kompetenti tkun sodisfatta li l-miżuri kollha xierqa għall-protezzjoni ta' l-ambjent u tas-saħħa ttieħdu, inkluż l-użu ta' l-aħjar teknoloġija disponibbli, sakemm l-ispiża ma tkunx eċċessiva.

#### Artikolu 7

Fejn żejt użat jergġhu jiġu ġġenerati, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa sabiex jiżguraw li:

- (a) l-operazzjoni ta' l-impjant li teġa' tiġġenera ma toħloqx ħsara li tista' tiġi evitata lill-ambjent.

Għal dan l-għan, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-riskji assoċjati mal-kwantità ta' fdalijiet tar-riġenerazzjoni u mal-karattru tossiku u perikoluż ta' dawn il-fdalijiet għandhom jitnaqqsu għall-minimu possibbli u li l-fdalijiet jiġu mormija skond l-Artikolu 9 tad-Direttiva Nru 78/319/KEE;

- (b) iż-żjut bażiċi derivati mir-reġenerazzjoni ma jikkostitwixx skart tossiku u perikoluż kif inhu definit fl-Artikolu 1(b) tad-Direttiva Nru 78/319/KEE u ma jkunx fihom *polychlorinated biphenyls* u *polychlorinated tophenyls* (PCB/PCT) f'konċentrazzjonijiet iktar mil-limiti stabbiliti fl-Artikolu 10.

L-Istati Membri għandhom jinformat lill-Kummissjoni b'dawn il-miżuri. Fuq il-bażi ta'din l-informazzjoni, il-Kummissjoni għandha, fi żmien ħames snin min-notifika ta' din id-Direttiva, tissottometti rapport lill-Kunsill, akkompanjat jekk hemm bżonn bi proposti xierqa.

#### Artikolu 8

1. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva Nru 84/360/KEE <sup>(2)</sup> u l-Artikolu 3(1) ta' din id-Direttiva, fejn żejt użat qegħdin jintużaw bħala karburanti, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa sabiex jiżguraw li t-tħaddim ta' l-impjant ma' joħloqx xi livell sinifikattiv ta' tniġġis fl-arja, b' mod partikolari bl-emissjoni ta' sustanzi mniżżla fl-Anness. Għal dan l-iskop:

- (a) L-Istati Membri għandhom jissodisfaw lilhom innfushom li fil-każ ta' ħruq ta' żjut f'impjanti b' *input* ta' sħana ta' 3 MW jew aktar fuq il-valur aktar baxx ta' sħana (LHV), il-limiti tal-valuri ta' l-emissjoni mwaqqfa f'dak l-Anness qed jiġu mħarsa.

L-Istati Membri jistgħu f'kull ħin iwaqqfu limiti ta' valuri aktar stretti minn dawk mogħtija fl-Anness. Jistgħu wkoll iwaqqfu limiti ta' valuri għas-sustanzi u parametri oħra li m'humiex innizżla fl-Anness;

- (b) L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri li jqisu neċes-sarji sabiex jiżguraw li l-ħruq ta' żejt użat f'impjanti b' *input* ta' sħana ta' inqas minn 3 MW ibbażata fuq il-valur aktar baxx ta' sħana (LHV) hija suġġetta għall-kontroll adattat.

Għandhom jinformat lill-Kummissjoni b'dawn il-miżuri. Fuq il-bażi ta'din l-informazzjoni l-Kummissjoni għandha, fi żmien ħames snin min-notifika ta' din id-Direttiva, tissottometti rapport lill-Kunsill, akkompanjat jekk hemm bżonn bi proposti xierqa.

2. L-Istati Membri għandhom ukoll jiżguraw illi:

- (a) il-fdalijiet mill-ħruq ta' żejt użat jintremew skond l-Artikolu 9 tad-Direttiva Nru 78/319/KEE;

- (b) iż-żejt użat użati bħala karburanti ma joħloqx skart tos-siku u perikoluż kif inhu definit fl-Artikolu 1(b) tad-Direttiva Nru 78/319/KEE u ma jkunx fihom PCB/PCT f'konċentrazzjonijiet iktar minn 50 ppm;

3. Osservazzjoni tal-limiti tal-valuri mwaqqfa fl-Anness tista' inkella tiġi żgurata permezz ta' sistema xierqa ta' kontroll tal-konċentrazzjonijiet tat-tniġġis fiż-żejt użat, jew taħlit ta' żejt użat u karburanti oħra, maħsuba għall-ħruq waqt li tikkon-sidra l-karatteristiċi tekniċi ta' l-impjant.

Fil-każ fejn l-impjant fejn emissjonijiet ta' sustanzi mniżżla fl-Anness jistgħu joħorġu wkoll mill-prodotti li jsaħħnu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw, permezz ta' sistema mwaqqfa ta' kontroll, li l-proporzjoni ta' dawn is-sustanzi heġin mill-ħruq ta' żejt użat ma taqbiżx il-limiti tal-valuri fl-Anness.

(1) ĠU L 84, tal-31.3.1973, p. 43.

(2) ĠU L 188, tas-16.7.1984, p. 10."

2. L-Artikolu 7 jsir l-Artikolu 9.

3. L-Artikoli 8 u 9 huma mħassra.

4. Artikolu ġdid 10 huwa mdaħħal u għandu jinqara kif ġej:

#### "L-Artikolu 10

1. Waqt il-ħażna u l-ġbir, is-sidien u l-kolletturi m'għandhomx iħalltu żejt użat mal-PCBs u l-PCTs skond it-tifsira li tingħata fid-Direttiva Nru 76/403/KEE <sup>(1)</sup> l-anqas ma' skart tossiku u perikoluż skond it-tifsira li tingħata fid-Direttiva 78/319/KEE.

2. Ħlief kif inhu pprovdut fil-paragrafu 3, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 76/403/KEE għandhom jgħoddu għaż-żejt użat li jkun fihom aktar minn 50 ppm ta' PCB/PCT.

L-Istati Membri għandhom jieħdu wkoll dawn il-miżuri speċjali tekniċi kif ikun xieraq sabiex jiżguraw li kull żejt maħruq li jkun fih il-PCB/PCT jintrema mingħajr ħsara li tista' tiġi evitata għall-bniedem u għall-ambjent.

3. Il-permess sabiex żejt użat li jkun fihom il-PCBs jew il-PCTs jergħu jiġu riġenerati jingħata jekk il-proċessi biex dawn jergħu jiġu riġenerati jippermettu li jew li jeqirdu l-PCBs u l-PCTs jew li jnaqqsuhom sabiex iż-żjut li jergħu jiġu riġenerati ma jkunx fihom PCB/PCT aktar mil-limitu massimu li fl-ebda każ m'għandhu jaqbeż il-50 ppm.

4. Il-metodu ta' referenza tal-kejl li jstabbilixxi l-kontenut tal-PCB/PCT fiż-żejt użat għandu jkun stabbilit mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Kumitat għall-adattament mal-progress tekniku mwaqqaf taħt l-Artikolu 18 tad-Direttiva Nru 78/319/KEE.

5. Żejt użat kkontaminati minn sustanzi li jaqgħu fid-definizzjoni ta' skart tossiku u perikoluż kif stabbilit mill-Artikolu 1(b) tad-Direttiva Nru 78/319/KEE għandhom jintremew skond id-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva.

(<sup>1</sup>) ĠU L 108, tas-26.4.1976, p. 41."

5. L-Artikolu 10 jsir l-Artikolu 11.

6. L-Artikolu 11 isir l-Artikolu 12, u huwa emendat biex jinqara kif ġej:

"L-Artikolu 12

Kull impriża li tiġbor, tokkupa, u/jew tarmi żejt użat għandha tikkomunika lill-awtoritajiet kompetenti, fuq talba tagħhom, kull informazzjoni dwar il-ġbir u/jew rimi ta' żejt użat jew il-fdalijiet tagħhom."

7. L-Artikolu 12 isir l-Artikolu 13 u huwa emendat sabiex jinqara kif ġej:

"L-Artikolu 13

1. L-impriżi referuti fl-Artikolu 6 għandhom jiġu spezzjonati perjodikament mill-Istati Membri, b' mod partikolari dwar il-konformità tagħhom mal-kondizzjonijiet tal-permessi tagħhom.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jeżaminaw ix-xejriet fl-istat ta' żvilupp tekniku u/jew fl-ambjent bl-għan li jirrevedu, fejn hu neċessarju, il-permessi mogħtija lill-impriżi skond din id-Direttiva."

8. L-Artikoli 13 u 14 isiru l-Artikoli 14 u 15 rispettivament.

9. Artikolu ġdid 16 huwa miżjud u għandu jinqara kif ġej:

"L-Artikolu 16

L-Istati Membri jistgħu, waqt li jirrispettaw id-dispożizzjonijiet tat-Trattat, jieħdu miżuri għall-protezzjoni ambjentali li jkunu aktar stretti minn dawk li huma pprovduti f'din id-Direttiva.

Dawn il-miżuri jistgħu, taħt l-istess dispożizzjonijiet, jinkludu fost affarijiet oħra l-projbizzjoni tal-ħruq ta' żejt użat."

10. L-Artikoli 15 u 16 isiru l-Artikoli 17 u 18 rispettivament.

11. L-Anness għal din id-Direttiva għandu jiġi miżjud.

#### Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva b'effett mill-1 ta' Jannar 1990 u għandhom jgħarrfu bihom mill-ewwel lill-Kummissjoni.

#### Artikolu 3

Il-miżuri adottati mill-Istati Membri skond din id-Direttiva jistgħu jiġu applikati progressivament mill-impriżi referuti fl-Artikolu 6 tad-Direttiva Nru 75/439/KEE eżistenti fiż-żmien tan-notifika ta' din id-Direttiva, fi żmien seba' snin mill-istess notifika (<sup>1</sup>).

#### Artikolu 4

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni it-testi tad-dispożizzjonijiet maġġuri tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

#### Artikolu 5

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-22 ta' Diċembru 1986.

Għall-Kunsill

Il-President

G. SHAW

(<sup>1</sup>) Din id-Direttiva ġiet innotifikata lill-Istati Membri fit-13 ta' Jannar 1987.

## L-ANNESS

**Limiti tal-valuri ta' l-emissjoni <sup>(1)</sup> għal ċerti sustanzi maħruġa bħala riżultat tal-kombustjoni ta' żejt użat f'impjanti b' input ta' sħana ta' 3 MW (LHV) jew aktar**

L-oġġetti li qed iniġġes	Il-limitu tal-valur mg/Nm <sup>3</sup>	
Cd		0,5
Ni		1
	jew <sup>(2)</sup>	jew <sup>(2)</sup>
Cr	} 1,5	Cr
Cu		Cu
V		V
Pb		Pb
	5	} 5
Cl <sup>(3)</sup>		100
F <sup>(4)</sup>		5
SO <sub>2</sub> <sup>(5)</sup>		—
Trab (total) <sup>(5)</sup>		—

<sup>(1)</sup> Dawn il-limiti tal-valuri, li ma jistgħux jinqabżu meta żjut jiġu maħruġa, jindikaw il-konċentrazzjoni massa ta' emissjonijiet tas-sustanzi f'gassijiet maħruġa msemmija qabel, f'termini tal-valur ta' gass maħruġ fl-istat *standard* (273 K; 1 013 hPa), wara tnaqqis tal-kontenut tan-nida tal-fwar ta' l-ilma, u ta' kontenut ta' ossiġnu f'volum ta' 3 % f'gass maħruġ. Fil-każ tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 8(3), il-kontenut ta' ossiġnu jkun dak li jaqbel mal-kondizzjonijiet normali ta' tħaddim fil-proċess partikolari kkonċernat.

<sup>(2)</sup> Għandu jkun f' idejn l-Istati Membri biex jistabbilixxu liema minn dawn l-għażliet għandhom jgħoddu f' pajjiżhom.

<sup>(3)</sup> Komponenti ta' gass mhux organiċi ta' *chlorine* espressi bħal *hydrogen chloride*.

<sup>(4)</sup> Komponenti ta' gass mhux organiċi ta' *fluorine* espressi bħal *hydrogen fluoride*.

<sup>(5)</sup> Mhux possibli li tistabbilixxi limiti ta' valuri għal dawn is-sustanzi f'dan l-istadju. L-Istati Membri indipendentement għandhom iwaqqfu *standards* ta' emissjoni għall-iskarrikar ta' dawn is-sustanzi waqt li jikkunsidraw it-talbiet tad-Direttiva Nru 80/779/KEE (ĠU No L 229, tat-30.8.1980, p. 30).